**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2015/2154(DEC)**

26.1.2016

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Taqsima III - Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi
(2015/2154(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: David Casa



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota bi tħassib li l-livell stmat ta' żball fil-qasam tal-politika tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali huwa ta' 3,7 % fl-2014, li hu kemm kemm ogħla mis-sena preċedenti (3,1 %); jenfasizza li dan jirrappreżenta pass lura fil-proċess biex tintlaħaq rata ta' żball li tkun taħt il-mira ta' 2 %;

2. Jilqa' l-fatt li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri janalizza l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fid-dawl tal-Istrateġija Ewropa 2020; jinnota l-osservazzjoni li l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE mhijiex identifikata separatament fil-kuntest tal-kisba tal-miri ewlenin, bħal dawk dwar l-impjieg u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

3. Jilqa', barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-QFP jeħtieġ li jiġu allinjati aħjar u l-għanijiet politiċi ta' livell għoli jeħtieġ li jiġu tradotti f'miri operattivi utli, u jenfasizza l-importanza li tingħata attenzjoni fuq il-prestazzjoni u r-riżultati kif ukoll fuq il-valur miżjud, b'mod partikolari fil-każijiet tal-miri ewlenin fil-qasam soċjali u f'dak tal-impjiegi, fejn il-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza li toħloq qafas legalment vinkolanti; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar l-indikaturi tar-riżultati u s-sistemi ta' monitoraġġ sabiex tikkumpara r-riżultati mal-objettivi maqbula, sabiex tkun infurmata aħjar meta tkun qed tistabbilixxi l-għanijiet futuri u sabiex iżżid l-effiċjenza tal-infiq tal-UE;

4. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar iż-żieda fir-riskju ta' irregolaritajiet f'każijiet ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jipparteċipaw fil-programm Orizzont 2020; jappoġġja r-risposta tal-Kummissjoni li l-involviment tal-SMEs fil-programm huwa kruċjali għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi u jinnota l-fatt li r-regoli amministrattivi għall-SMEs ġew issimplifikati, u jenfasizza li simplifikazzjoni ulterjuri kieku twassal għal involviment akbar min-naħa tal-SMEs; jenfasizza l-importanza tal-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli permezz tal-SMEs;

5. Jinnota li l-SMEs huma dawk li joħolqu l-aktar impjiegi fl-Ewropa u jqis li hemm aktar x'jista' jsir biex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi ta' finanzjament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi aktar miżuri li jħeġġu l-parteċipazzjoni attiva tal-SMEs, inkluża l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-ewwel aħseb fiż-żgħir";

6. Jinnota li n-natura intanġibbli tal-investimenti fil-kapital uman, id-diversità tal-attivitajiet u l-involviment ta' diversi sħab, li ta' sikwit ikunu fuq skala żgħira, fl-implimentazzjoni tal-proġetti għadhom ir-riskji ewlenin għar-regolarità tal-infiq tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE); jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-azzjonijiet ta' mitigazzjoni speċifiċi, bl-inklużjoni ta' miżuri kemm preventivi kif ukoll korrettivi;

7. Jinnota s-sejbiet tar-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri 17/2015 dwar ir-riorjentament tal-finanzjament mill-FSE matul il-perjodu 2012-2014; jinnota bi tħassib in-nuqqasijiet fir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar l-impatt ta' dawn il-fondi; iqis li passi ulterjuri lejn politika msejsa fuq ir-riżultati huma vitali biex tiġi żgurata responsabbiltà finanzjarja soda

u użu effiċjenti tal-fondi tal-UE;

8. Jinsab imħasseb li r-rati ta' żball ogħla segwiti minn sospensjonijiet u interruzzjonijiet jistgħu jaffettwaw l-għeluq b'suċċess tal-programmi 2007-2013;

9. Iqis li l-promozzjoni ta' użu aktar wiesa' ta' għażliet issimplifikati għall-ispejjeż tista' twassal għal tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi, inqas żbalji u aktar enfasi fuq il-prestazzjoni u r-riżultati; jirrimarka, madankollu, li l-għażliet issimplifikati għall-ispejjeż għandhom jiġu applikati f'ambjent ta' ċertezza ġuridika u ta' fiduċja, akkumpanjati minn valutazzjoni tal-benefiċċji u bl-involviment sħiħ tal-partijiet interessati fil-livelli kollha; jenfasizza li l-għażliet issimplifikati għall-ispejjeż għandhom jibqgħu alternattiva għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri;

10. Jinsisti li l-Istati Membri jevitaw aktar kumplikazzjonijiet tar-regoli u r-rekwiżiti relatati mal-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew li jimponu piżijiet addizzjonali fuq il-benefiċjarji u jżidu r-riskju ta' żbalji;

11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li minn 178 tranżazzjoni eżaminati mill-Qorti fil-qasam tal-politika tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, 62 (34,8 %) kienu milquta minn żbalji, li minnhom 12 kienu żbalji kwantifikabbli li jaqbżu l-20 % (6,7 %); iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta miżuri korrettivi u tapplika proċeduri stretti biex tnaqqas ir-riskju ta' irregolaritajiet f'dan il-qasam ta' politika kif ukoll tagħti segwitu għall-każijiet ta' nefqa ineliġibbli identifikati mill-Qorti;

12. Jiddispjaċih li l-għadd ta' programmi tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) b'rata ta' żball ta' aktar minn 5 % żdied minn 18,8 % fl-2013 għal 22,9 % fl-2014 u li l-volum ta' pagamenti milquta minn dawn ir-rati żdied b'mod drammatiku minn 11,2 % għal 25,2 %;

13. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-osservazzjoni ripetuta tal-Qorti tal-Awdituri li l-persentaġġ ta' żball kien ikun inqas kieku l-awtoritajiet nazzjonali għamlu użu aħjar mit-tagħrif disponibbli qabel ma bagħtu l-applikazzjonijiet għal pagamenti lill-Kummissjoni; f'dan ir-rigward, jinsisti li l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali jwettqu verifiki aktar bir-reqqa u jevitaw milli jitolbu għal rimborż ta' nefqiet inkorretti;

14. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw l-għodda ta' valutazzjoni tar-riskju Arachne u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi lill-Istati Membri b'linji gwida relevanti u assistenza teknika għall-implimentazzjoni korretta tar-rekwiżiti ta' ġestjoni u kontroll fil-perjodu 2014-2020; jinsisti li l-Kummissjoni ttejjeb l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri;

15. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti sabiex tiżgura li l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni tikkontribwixxi aħjar għall-kisba tal-miri ewlenin fil-qasam soċjali u tal-impjiegi tal-Istrateġija Ewropa 2020; f'dan ir-rigward, jistenna li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jużaw indikaturi ta' prestazzjoni aħjar u jtejbu r-rappurtar dwar ir-riżultati miksuba matul il-perjodu 2014-2020;

16. Jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li titlob lill-Istati Membri biex jiżguraw rimborż fil-pront ta' benefiċjarji f'konformità stretta mal-limiti ta' żmien previsti fir-Regolamenti.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.1.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 32<br>–: 7<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Guillaume Balas, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Jane Collins, Lampros Fountoulis, Arne Gericke, Thomas Händel, Marian Harkin, Czesław Hoc, Rina Ronja Kari, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Kostadinka Kuneva, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Sven Schulze, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Arena, Amjad Bashir, Lynn Boylan, Miapetra Kumpula-Natri, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Evelyn Regner, Michaela Šojdrová |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Eleonora Evi, Anneli Jäätteenmäki |